**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 133/17 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Marzu, 2011, kif jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg (Dok. A) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, jisimha Dana, li ghandha hames snin u twieldet fil-5 ta' Dicembru, 2011;

Illi l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-20 ta' Frar, 2013, fl-atti tan-Nutar Michael Laferla (Dok. B

anness) u ghalhekk ghaddew aktar minn erba` snin minn din is-separazzjoni legali;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, skont ir-raba` klawsola il-partijiet irrinunzjaw reciprokament u irrevokabilment ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin ghalihom;

Illi in kwantu ghal binthom M, li taghha skont il-hames klawsola l-esponenti ghandha il-kura u l-kustodja, l-esponenti tircievi minghand l-intimat manteniment ghall-bint kull xahar bil-quddiem, iddepozitat bi 'standing order' f'kont bankarju tal-esponenti fis-somma ta' mitejn u hamsin euro (Eur 250) u dana fit-termini tad-disa` klawsola tal-kuntratt, bl-obbligu ikkonoxxut mill-partijiet li jkomplu jipprovdu manteniment adegwat favur il-bint sa ma taghlaq tlieta u ghoxrien (23) sena f'kaz illi sa tali eta` tkun qed tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim "full time";

Illi l-fatti premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talbet l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet u biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2017;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, iwiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Frar, 2013 u ghalhekk ilhom aktar minn erba’ snin jghixu separatament minn xulxin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.